MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 777/2005

**Titan International Limited**

**vs**

**Marco Barbara**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 t'April 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija, tmienja u hamsin Liri Maltin u tmenin centezmi (Lm358.80), bilanc minn ammont akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut kif jirrizulta mid-dokument markat Dok. "1".

Bl-imghaxijiet mill-15 ta' Mejju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li jinsab minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett mija tmienja u hamsin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm358.80), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------